4 Marzu 2013

Stqarrija Konġunta bejn il-Partit Laburista (PL) u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK).

Il-Partit Laburista u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, kif kien tħabbar pubblikament, kellhom sensiela ta' diskussjonijiet tekniċi li waslu għal konkluzjonijiet li qed jiġu ppubblikati illum.

Iż-żewġ naħat jagħrfu li l-pakkett innegozjat mall-Unjoni Ewropea dwar kaċċa u nsib, bħal oqsma oħra, mhux rinegozjabbli u ma jistax jerġa' jinfetaħ. Għalhekk, dak kollu li qed jiġi maqbul huwa f' konformita' mall-qafas tar-regolamenti Ewropej.

Iż-żewġ naħat jagħrfu ukoll li l-proċess kollu jrid ikun akkumpanjat minn osservanza stretta tal-liġijiet u regolamenti, fejn l-FKNK tgħin lill-awtoritajiet biex jaraw li l-azzjonijiet irresponsabbli ta' minoranza zgħira ma ttappanx isem il-kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin li fil-maġġoranza l-kbira tagħhom huma kommessi li jħarsu l-liġijiet u regolamenti.

Il-PL u l-FKNK jintrabtu li kemm –il darba l-PL jingħata l-mandat biex imexxi Gvern Ġdid, jaħdmu b' konsultazzjoni, biex jitwettqu dawn il-konklużjonijiet.

Il-konklużjonijiet huma dawn li ġejjin:

1. Il-kumitat Ornis jingħata l-importanza li tixraqlu fid-deċizjonijiet li jittieħdu.

2. Tiġi applikata korrettement deroga sabiex il-kaċċaturi u n-nassaba jingħataw is-"soluzzjoni sodisfaċenti" dovuta lilhom, skont id-deċizjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, dwar il-kaċċa tal-gamiem u s-summien fir-Rebbiegħa, u dwar it-teħid tal-gamiem u is-summien fl-istess staġun miftuħ għall-kaċċa. Fl-istess waqt, ma jkunx hemm ħlas addizzjonali għal-liċenzji speċjali li jistgħu jinħarġu taħt xi deroga.

3. Tiġi applikata korrettement deroga dwar it-teħid tradizzjonali Malti għall-għasafar tal-għana u kif ukoll ta' speċi oħra ta' għasafar speċifikati fir-regolamenti relattivi. Dan jsir fil-qafas ta' derogi aċċettabli għall-Unjoni Ewropea.

4. Jitnieda process ta' konsultazzjoni biex fl-iqsar żmien possibli jiġu riveduti Liġijiet, Avviżi Legali u l-policies relattivi, sabiex jitneħħew inċertezzi u ambigwitajiet fir-regolament lokali. Dan dejjem fir-rispett sħiħ tar-regoli tal-Unjoni Ewropeja. Fost l-oħrajn, l-istaġuni tal-kaċċa fil-Ħarifa u fix-Xitwa jkunu fissi u stabbiliti minn qabel.

5. Jitfassal pjan sabiex jużu u jinvolvi r-rizorsi tal-kaċċaturi u nassaba sabiex tissaħħaħ il-biodiversita' fl-ambjent rurali tal-gżejjer Maltin u Għawdxin.

6. Jittieħdu miżuri aktar serji dwar infurzar ta' liġijiet biex bl-ebda mod ma jkunu tollerati illegalitajiet. L-FKNK tikkommetti li tgħin f' dan il-proċess ta' responsabiliżazzjoni.